# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2011 — Bongrain vs UASI — apetito (APETITO)**

**(Kawża T-129/09)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali APETITO — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti apetito — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tal-prodotti — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2011/C 179/26)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Bongrain SA (Viroflay, Franza) (rappreżentant: C. Hertz-Eichenrode, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Novais Gonçalves, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* apetito AG (Rheine, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Weeg, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-2 ta' Frar 2009 (Każ R 720/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn apetito AG u Bongrain SA.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Bongrain SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 141, 20.6.2009

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' April 2011 — Martin vs il-Kummissjoni**

**(Kawża T-291/10)** [1]

***("Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Rifjut impliċitu għal aċċess — Deċiżjoni espliċita adottata wara l-preżentata ta' rikors — Ma hemmx lok li tingħta deċiżjoni")***

(2011/C 179/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Anne Martin (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: U. O'Dwyer, solicitor)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Costa de Oliveira u C ten Dam, aġenti)

*Parti intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:* Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentant: S. Juul Jørgensen, aġent)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2010 li tirrifjuta li tagħhti lir-rikorrenti l-aċċess għad-dokumenti li jidhru fil-fajl dwar l-għajnuna mill-Isata N 654/2008, innotifikata mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq fid-19 ta' Diċembru 2008, favur Short Brothers plc.

**Dispożittiv**

(1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.*

(2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk ta' A. Martin.*

(3) *Ir-Renju tad-Danimarka għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

[1] ĠU C 234, 28.8.2010.